MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT**
**ANTONIO GIOVANNI VELLA**

Seduta ta' l-24 ta' Novembru, 2011

Numru. 864/2003

**IL- PULIZIJA**
**SPETTUR ABRAHAM ZAMMIT**
**KONTRA**

**PAUL DEBATTISTA**

**Il-Qorti;**

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra;

Paul Debattista ta’ 48 sena, bin John u Carmela nee’ Galea, mwieled Pieta’ fit-  ta’ Frar 1963, residenti 126, Pjazza Antoine De Paule u/jew Kuntakita, Triq Anglu Mangion, Hal- Tarxien u detentur tal- Karta tal- Identita’ bin- numru 104563M;

Li gie mressaq quddiemha sabiex iwiegeb ghall-imputazzjonijiet;

Talli;

1) Fis- 6 ta’ Lulju 2003 ghal habta tal- 4.00pm fi Triq Hal- Luqa, Rahal Gdid, minghajr il- hsieb li jotqol jew li jqieghed il- hajja f’ periklu car, darab jew sawwat lil Nicholas Spiteri mill- Gharghur u kkagunalu ferita ta’ natura gravi skont ma ccertifika Dr. J Agius Muscat MD tac- centru tas- sahha ta’ Rahal Gdid;

2) ukoll talli fl- istess post, data, hin u cirkostanzi, minghajr il- hsieb li joqtol jew li jqieghed il- hajja f’ periklu car, darab jew sawwat lil Ruth Sammut minn Paola u kkagunalha feriti ta’ natura hafifa hekk kif iccertifika Dr. D. Aquilina MD tal- isptar San Luqa;

3) ukoll talli fl- istess data, hin u cirkostanzi kiser il- paci pubblika b’ ghajjat, storbju u glied jew b’ mod iehor;

4) ukoll talli sar recidiv b’ diversi sentenzi moghtija mill- Qrati ta’ Malta liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula;

Rat id-dokumenti kollha ezebiti;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet ix-xiehda prodotti;

Rat illi l-partijiet ma kellhomx aktar provi ulterjuri x’iressqu fuq dan il-kaz;

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet, inkluz fil-kaz ta’ sejbien ta’ htija;

Rat illi l-allegati vittmi kienu rrinunzjaw ghal dak kollu li hu rinunzjabbli skond il-Ligi;

**Ikkunsidrat:**

Illi din il-kawza kienet giet trattata u deciza minn din il-Qorti kif presjeduta, izda wara appell li sar mis-sentenza moghtija, giet rimessa lil din il-Qorti. Mil-provi prodotti jidher li dan l-incident kien frott ta’ malintiz pjuttost stupidu li nqala’ bejn l-imputat u l-allegati vittmi fil-kaz. Ghalkemm ma kienx hemm kollozjoni bejn vetturi, jidher li kien hemm manuvra azzardata minn vettura misjuqa quddiem dik tal-imputat, u z-zewg vetturi waqfu u hargu x-xufiera jargumentaw. Fin-nofs ta’ dan l-argument, l-imputat kien allontana ftit ruhu minn fejn waqfu l-vetturi, izda lemah lil xi nies iduru mal-mara tieghu u hebb ghalihom biex jiddefendiha. Irrisulta li hi ma kienetx qed tigi aggredita minn hadd, izda hu haseb li kien qed jigrilha xi haga, u per konsegwenza ta’ hekk laqat liz-zeqg persuni imsemmija b’daqqiet ta’ ponn u kkagunalhom griehi kif deskritti.

Illi ghalhekk, l-imputazzjonijiet jirrisultaw ippruvati, ghalkemm ma hemm l-ebda prova dwar ir-recidiva, li l-Qorti sejra tastjeni milli tiehu konjizzjoni taghha. Il-Qorti tifhem li l-imputat seta sofra minn dak li bl-ingliz jissejjah “first transport of sudden passion”, u li kien hemm eccess fid-difiza ta’ martu, li ghalhekk jimmilitaw favur temperament fil-piena. Inoltre, il-Qorti rat li l-incident mertu ta’ din il-kawza sehh aktar minn tmien snin ilu, u li l-parti leza kienet gia’ irrinunzjat ghall-azzjoni kontra tieghu, u ghalhekk ma tarax li ghandha ghalfejn taghti xi piena iebsa. Semghet ukoll li l-Ufficjal Prosekutur ried li tinghata Ordni ta’ Probation lill-imputat, li ma gietx opposta mid-difiza, ghalkemm il-Qorti l-anqas tara l-htiega ta’ sorveljanza fuq l-imputat, izda sejra timplementa dik is-sentenza gialadarba hemm qbil fuqha mil-partijiet.

**Ghal dawn il-motivi l-Qorti;**

Wara li rat l- Artikoli 216 (1) (b), 221 (1) u 338 (dd) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Din il- Qorti ssib lill- imputat hati u ghaldaqstant tordna hrug ta’ Ordni ta’ Probation ghal tlett (3) snin ai terminu tal- Artikolu 7 tal- Kapitolu 446 tal- Ligijiet ta’ Malta.

Tastjeni milli tiehu konjizzjoni tal-addebitu tar-recidiva, peress illi ma tirrisultax ippruvata.

Il- Qorti spjegat il- portata tas- sentenza lill- imputat.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------